MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Numru. 754/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Hersey]**

**vs**

**Erin Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 754/2009**

**Illum 29 ta’ Frar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Erin Mallia ta’ 32 sena bin Richard u Mary nee’ Cassar, imwieled fl-4 ta’ Gunju 1977 H’ Attard u residenti Blk D Flat 1 Triq Luigi Preziosi San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 309277M

Akkuzat talli fit-23 ta’ Lulju, 2009 f’ Malta, bil-hsieb illi ghamel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra dahlu jew ghamlu tentattiv biex dahlu jew hargu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li sew f’ Malta sew barra minn Malta kkongura f’ dak is-sens ma’ xi persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. U dan meta l-ghadda ta’ persuni mghejjuna u assistiti hu ta’ aktar minn tlieta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli 377A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. Jirrizulta li l-imputat huwa impjegat mal-kumpanija Fahrenheit bhala driver. Nhar it-23 ta’ Lulju 2009 kien imissu xoghol Sqallija fejn mar, bit-trailer li kellu jsuq, permezz ta’ catamaran. Huwa pparkja t-trailer fil-garaxx tal-catamaran u tela’ fil-parti ta’ fuq; xi kwarta wara li l-catamaran kien telaq minn Malta l-imputat gie imsejjah mill-ufficjali tal-vapur biex jinzel fil-garaxx peress li kienu qed jinstemghu hsejjes u gie notat caqliq fit-trailer tieghu. L-imputat innota li kompartiment tat-trailer, li jew jinzamm vojt jew jitpoggew xi pallets vojta fih, kien jidher sgassat fis-sens li kien nifqugh’l barra; infetah dan il-kompartiment u minnu hargu disa’ persuni ta’ nazzjonalitajiet differenti. Meta waslu Sqallija dawn id-disgha’ persuni ntbaghtu lura Malta; l-imputat gie interrogat mill-awtoritajiet Taljani pero wara thalla jaghmel il-vjagg li kellu jaghmel fi Sqallija; l-imputat irritorna lura Malta dak in-nhar fil-ghaxija. Mal-

wasla tieghu Malta huwa gie arrestat u eventwalment tressaq il-Qorti b'l-imputazzjoni odjerna.

Illi dawn il-fatti m'hemmx kontestazzjoni dwarhom fis-sens li l-imputat mhux qed jikkontesta li kien hemm dawn id-disa' persuni f'kompartiment fit-trailer li kien qed isuq hu; huwa pero jikkontendi li ma kellu x'jaqsam xejn maghhom, anzi jghid li hu ma kienx jaf li kienu qeghdin f'dak il-kompartiment u sar jaf bihom biss meta sejjhulu l-ufficjali tal-catamaran u nfetah il-kompartiment.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda inkluz tlieta mill-persuni li kienu fit-trailer.

Illi wiehed minnhom, Mohammed Jakub, jghid li huwa kien qieghed il-Marsa meta giet persuna fuqu, li hu identifika bhala l-imputat, li saqsih ridx jitlaq minn Malta. Dan Jakub kompla jirrakkonta li l-imputat qallu biex tlett ijiem wara jkun il-Marsa meta kellu jhallas €850 biex jittiehed l-Italja. Tlett ijiem wara dan Jakub mar il-Marsa biex jilaqa' ma'l-imputat kif kien miftiehem. Jakub jghid ukoll li kien hemm persuni ohra il-Marsa u li kien l-imputat li fethilhom il-kompartiment fit-trailer biex jidhlu. Jakub spjega li hallas it-€850 lill-imputat qabel ma dahal fit-trailer .

Illi persuna ohra li xehdet kienet Bubake Kulibali. Dan irrakkonta li huwa kien il-Marsa, kien hemm xi nies qed jghidu li kienu sejrin l-Italja u li kienu ser ihallsu €850 biex jaghmlu hekk; hu segwa lil dawn in-nies u ghamel li kienu qed jaghmlu huma. Kulibali identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed hdejn it-trailer pero jghid li hu lill-imputat ma qallu xejn, kemm tah it-€850 u baqa diehel gol-kompartiment fit-trailer.

Illi t-tielet persuna li xehdet kienet Kamen Bakari. Dan jghid li huwa kien qieghed il-Marsa Open Centre ma' xi hbieb u kien hemm li huwa hallas €850 biex jittiehed l-Italja f'truck; hu jghid ukoll pero li l-persuna li lilha taha l-flus ma kienx l-imputat imma persuna ohra. Dak in-nhar li hallas il-flus Bakari inghata struzzjonijiet biex fit-23 ta'

Lulju 2009, f'l-erbgha ta' fil-ghodu, jmur l-Marsa u jistenna truck li gie deskritt lilu. Hu mar il-Marsa, meta f'l-erbgha tfacca truck li qabel mad-deskrizzjoni li kienu tawh hu dahal fit-truck kif ghamlu persuni ohra; ma jafx lil min hallsu dawn il-persuni biex huma telghu fit-truck ukoll. Bakari jghid ukoll li lill-imputat rah l-ewwel darba dak il-hin f'l-erbgha ta' fil-ghodu u rah diversi drabi hdejn it-trailer mbaghad rah fuq il-vapur.

Illi rapprezentant tas-socjeta Fahrenheit, David Gauci, ikkonferma li fil-gurnata in ezami l-imputat kellu jsuq trailer ghal Sqallija u lura; dan ix-xhud qal ukoll li dak in-nhar kien hemm xufier iehor, certu Simon Haber, li kien xoghol Sqallija. Mid-depozizzjoni ta' dan David Gauci u d-dokumenti esebieti jirrizulta li t-trailers jinzammu f'yard li s-socjeta Farhenheit ghandha f'H'Attard; minn ikun sejjer xoghol Sqallija normalment imur jigbor it-trailer ghall-habta tal-hamsa u nofs, is-sitta ta' fil-ghodu. Fit-23 ta' Lulju 2009 l-imputat dahal fil-yard fil-05.38hrs fil-waqt li Simon Haber dahal fil-05.39hrs. Gie spejgat ukoll minn dan ix-xhud li kull wiehed mix-xufiera taghhom jinghatghu mobile phone li permezz tieghu jistghu biss icemplu biss lil persuni predeterminati (impjegati jew ufficjali tal-kumpanija) u jircievu telefonati minghand xi imjegati/ufficjali ohra tas-socjeta Fahreheit biss; Gauci prezenta l-lista tat-telefonati li saru fil-perjodu in ezami mill-mobile mghoti lill-imputat u kkonferma li f'l-20 ta' Lulju 2009 l-imputat kien qieghed xoghol l-Italja wkoll.

Illi l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Hu spjega li fit-23 ta' Lulju 2009 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghodu mar fil-yard ta' Fahrenheit li qeghda H'Attard, qabad it-trailer li kellu jiehu Sqallija, hareg mill-yard u saq lejn il-Marsa minn fejn kellu jaqbad il-catamaran biex imur Sqallija; mieghu kien hemm xufier iehor: Simon Haber; dan Simon Haber kien qed isuq truck minghajr trailer u jkellu jmur Sqallija ukoll. L-imputat kompla jispjega li meta wasal il-Marsa pparkja hdejn Sammy's Bar, mar jixtri pakkett ta' sigaretti ghand dan Sammy's Bar, hareg propju meta lahaq wasal Simon Haber li talbu jgieblu café. L-imputat rega dahal ghand Sammy's bar pero ma setghax jixtri café ghal siehbu

ghalhekk rega' mar fit-trailer u saqu ghal hdejn is-Seaport biex wara li ghamlu s-solitu procedura ta' dokumentazzjoni u kontrolli, saq it-trailer ghal fuq il-katamaran.

Illi Simon Haber xehed u ta prattikament l-istess verzjoni ta' fatti li ta l-imputat pero hemm xi inkonsistenzi fil-verzjoni li ta dan Simon Haber. Inizjalment qal li hu u l-imputat waslu kwazi flimkien fil-yard meta ftit wara qal li meta wasal il-yard l-imputat kien diga qed jiggancja t-truck. Fil-verita l-hin li waslu fil-yard huwa dokumentat; huma waslu prattikament flimkien ghaliex l-imputat wasal fil-05.38hrs u Haber wasal minuta wara fil-05.39hrs ghalhekk huwa mpossibli li l-imputat kien diga qed jiggancja t-truck. Fattur iehor li jitfa certu del fuq il-verzjoni mghotija minn dan Simon Haber tirreferi ghal kemm ghadda hin minn meta wasal l-imputat hdejn Sammy's Bar sa kemm wasal Haber; huwa l-ewwel qal li kienu ghaddew minuti pero wara qal li kienu ghaddew sekondi. Tenut kont ta' kif wasal biex jghid li kienu ghaddew biss sekondi l-Qorti assolutament mhiex konvinta li kienu ghaddew biss ftit sekondi[1].

Illi fil-verita hemm xi inkonsistenzi anke fil-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Mohammed Jakub jghid li l-ewwel darba li ltaqa' ma'l-imputat kien tlett ijiem qabel l-incident in ezami, pero tlett ijiem qabel l-imputat kien xoghol Sqallija. Kamen Bakari mbaghad jghid li huwa nghata struzzjonijiet biex imur il-Marsa f'l-erbgha ta' fl-ghodu u li hu ra lill-imputat hdejn it-truck dak il-hin diversi

[1] Il-bran in ezami qed jigi riprodott:

| | |
|---|---|
| Dif: | Issa il-hin bejn li wasal Erin |
| Xhud: | Ehe |
| Dif: | U li wasalt int kien sieghat? |
| Xhud: | Le minuti jkun hemm |
| Dif: | Ftit sekondi |
| Qorti: | Minuti qallek mhux sekondi |
| Dif: | Minuti; imma kemm per ezempju |
| Xhud: | Ghax hu forsi jkun lahaq mexa tul |
| Dif: | Ghax tletin minuta, minuti |
| Xhud: | Forsi lahaq mexa bit-trailer u li halla vojt quddiem il-hanut |
| Dif: | Mela sekondi |
| Xhud: | Sekondi |

drabi pero jirrizulta li l-imputat ma setghax telaq bit-truck minn H'Attard qabel il-05.38hrs. F'dan ir-rigward wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni lid an ix-xhud qal ukoll li ma jafx kemm ghadda hin mill-erbgha ta' fil-ghodu sa kemm telghu fuq il-vapur ghaliex ma kellux arlogg.

Ikkunsidrat

Illi hemm l-kunflitt bejn il-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputat u x-xhud imressaq minnu huwa indiskuss. Il-principji regolaturi f'dawn ic-cirkostanzi huma ben stabbiliti fil-Ligi u fil-gurisprudenza taghna: mhux kull kunflitt ghandu necessarjament iwassal ghall-liberatorja ghaliex il-Qorti ghandha l-obbligu li tevalwa x-xhieda mghotija fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tiddeciedi lil minn ghandha temmen u f'xiex.

Illi f'dan l-ezercizju l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li t-tlett xhieda Mohammed Jakub, Bubaka Hulibali u Kamen Bakari identifikaw lill-imputat bhala il-persuna li dak in-nhar huma raw hdejn it-truck u li dak in-nhar anke thallas minn wiehed minnhom.

Illi fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti ghandu jinghata certu piz huwa l-fatt li fit-23 ta' Lulju 2009 l-imputat m'ghamel l-ebda telefonata fuq il-mobile phone provdut lilu minn Fahreheit.

Illi l-imputat qed jallega li ma kienx jaf xejn dwar dawn id-disgha persuni li kienu fuq it-truck tieghu, u li mill-mument li huwa telaq mill-yard ta' Fahrenheit it-truck ma halliex wahdu ghaliex anke meta mar jixtri is-sigaretti huwa pparkjah vicin tal-bar. In oltre qed jigi allegat li ghaddew biss ftit sekondi minn meta wasal l-imputat hdejn Sammy's Bar sa kemm wasal Simon Haber. Issa fi ftit sekondi (u anke ftit minuti) huwa impossibbli biex l-imputat johrog mit-truck, jidhol ghand Sammy's Bar, u sakemm ikun ghand Sammy's Bar, qabel ma jasal Haber, disgha' persuni jifthu dak il-kompartiment ta' taht it-trailer u jippakkjaw lilhom infushom fih u, b'xi mod, jerga jinghalaq il-kompartiment b'mod li la l-imputat u lanqas Haber ma

jindunaw b’xejn. Ghalhekk jekk il-verzjoni mghotija mill-imputat, u Haber, hija korretta allura bil-fors gara li dawn id-disgha persuni dahlu fit-trailer qabel ma’l-imputat ha pussess tieghu fil-yard ta’ Fahreheit. F’dawn ic-cirkostanzi wiehed kien jippretendi li meta l-imputat, b’sorpriza kbira ghalih, sar jaf li kien hemm disgha persuni fit-trailer u li kien ser jigi interrogat mill-pulizija taljana u li possibilment il-gurnata tax-xoghol tieghu kienet ser tigi affettwata, hu kien jaghmel kuntatt ma’ Fahreheit biex jghidilhom b’dak li kien qed jigri.

Illi pero l-imputat, f’l-ebda hin matul il-gurnata ma cempel lil xi hadd ghand Fahrehiet, u ghazel li jaffaccja din is-sitwazzjoni ma’l-awtoritajiet Taljani wahdu.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li ghandha taghti kredibilita lill-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni; konsegwentement hija konvinta li l-imputat kien jaf li fit-truck li kien qed isuq kien hemm dawk id-disgha persuni.

Illi konsegwentment fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta l-ewwel konsiderazzjoni ghandha tkun ghar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat. Fil-verita l-gravita tar-reat in ezami hija riflessa fil-fatt li d-dispozizzjoni tal-Ligi applikabbli, l-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jeskludi kemm l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 21 u 28A ta’l-istess Kapitolu 9, kif ukoll l-applikazzjoni tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fatt il-piena prevista ghar-reat in ezami hija jew ta’ prigunerija effettiva jew ta’ multa ta’ €23,293.73.

Illi l-gravita tar-reati li jikkoncernaw *border security* giet trattata mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali; fil-fatt f’kawza deciza fid-9 ta’ Gunju 2009[2] din il-Qorti qalet hekk:

---

[2] The Police vs David Abekunle and John Austen

*This Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence…… This Court is of the view that, as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect, and that, always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to taking a very myopic view of the whole issue of border security*

Illi dan ghaliex, dejjem fil-fehma espressa mill-Qorti ta’ l-Appell, il-piena imposta trid isservi *as an effective deterrent against attempts to gain access to Malta and/or to the European Union illegally.*

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-unika piena li tista’ taghti lill-imputat hija dik ta’ prigunerija effettiva.

Illi pero l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’l-imputat li hija netta; ghalhekk hija ser timponi piena li tkun aktar vicin tal-minimu permess mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 337A tal-Kpitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------